MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 351/2003

**Marco u Carmena konjugi Camilleri bhala kuraturi ta' binthom minuri Siobhan Camilleri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Valletta**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' April 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi Marco Camilleri u Carmena nee' Bonnici li zzewgu fit-tmienja u ghoxrin ta' Gunju 1997 (u dan skond ma jidher f' Dok. "A" kellhom wild minn dan iz-zwieg fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2002, u dan kif jidher mill-estratt tat-twelid esebit bhala Dok. "B";

Illi l-isem ta' din it-tarbija minuri huwa "Siobhan", pero' bi *svista* gie registrat bhala "Shobaine";

Illi, l-istess atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-isem tat-tarbija minuri huwa "Siobhan";

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid numru: 829/2002 fis-sens illi fil-kolonna *"Isem il-wild"* ghandha tigi msejha "Siobhan" minflok "Shobiane";

3. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem il-minuri fis-sens illi kull fejn isem il-minuri huwa ndikat bhala "Shobiane", minflok isir "Siobhan".

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti esebitti a fol 3 u fol 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-22 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti ppreffiggiet lill-atturi disghin (90) gurnata sabiex jipprezentaw l-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta' Gunju 2003 a fol 16, fejn espona bir-rispett:

1. Illi, fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta' bint l-atturi mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda datati 27 ta’ Gunju 2003 a fol 17 u 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2003 fejn peress li ma deher hadd il-kawza giet differita sine dine.

Rat ir-rikors ta’ Marco Camilleri et noe, datat 15 ta’ Dicembru, a fol 22 fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha terga tirrapunta din il-kawza fuq il-lista tal-kawzi ghas-smiegh biex wara li jinstemghu x-xhieda kollha, tigi deciza u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti timponi.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 16 ta’ Dicembru 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-attur biex jipprezenta l-affadavits u d-dokumenti kollha tieghu fiz-zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tad-digriet.

Rat in-nota ta’ Marco Camilleri datata 21 ta’ Jannar 2004, a fol 24 li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat ir-rikors ta’ Marco Camilleri datat 21 ta’ Jannar 2004, a fol 27, fejn talab umilment sabiex din il-kawza tigi ri-appuntata ghas-smiegh u dan skond dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 29 ta’ Jannar 2004, fejn il-Qorti riappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-23 Marzu 2004.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Marzu 2004, fejn Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-attur ikkonferma bil-gurament tieghu d-dikjarazzjoni attrici u l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

**(i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Rat l-affidavit tal-attur **Marco Camilleri** li gie prezentat permezz ta' nota datata 21 ta' Jannar 2004. Tali affidavit jinsab a fol. 25 tal-process.

**(ii) <u>APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' bint l-atturi li jgib in-numru 829/2002 *stante* li l-atturi qed jallegaw li fil-fatt isem binthom huwa "Siobhan", ghalkemm fic-certifikat tat-twelid huwa mnizzel bhala "Shobaine".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat mill-affidavit tal-attur **Marco Camilleri**, li huwa missier il-minuri. Minn dawn il-fatt jirrizulta li l-minuri kienet u ghada maghrufa bl-isem "Siobhan". Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-premess, **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tiddikjara illi l-isem tat-tarbija minuri huwa "Siobhan";

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid numru: 829/2002 fis-sens illi fil-kolonna *"Isem il-wild"* ghandha tigi msejha "Siobhan" minflok "Shobiane";

3. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem il-minuri fis-sens illi kull fejn isem il-minuri huwa ndikat bhala "Shobiane", minflok isir "Siobhan".

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess atturi, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------